TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 150/14/GB

**Claire u Roberto Vella**

**vs**

**Telecom**

Illum 3 ta' Settembru 2014

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-27 ta' Gunju, 2014 fejn ir-rikorrenti talbu rifuzjoni ta' mija disgha u tletin Ewro (€139.00), rapprezentanti l-prezz li huma hallsu ghal 'mobile phone', li nxtara minghand is-socjeta' ntimata, liema 'mobile phone' kien difettuz.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi:-**

Huma kienu lmentaw mas-socjeta' ntimata peress illi l-'mobile phone' li kienu xtraw minghandha ma kienx qed jaghmel 'downloads' u kien qed jindika illi ma kellux biżżejjed spazju ghad-'downloads'. Apparti minn hekk, ir-rikorrenti ma setghux jirċievu messaġġi. Illi ghalhekk, huma hellew il-'mobile phone' ghand is-socjeta' ntimata, u meta regghu gabbruh kien qed jahdem sew, pero' wara biss jumejn, rega' hareg l-istess difett. Ghalhekk huma regghu lmentaw mas-socjeta' ntimata, fejn hallewh maghha sabiex jintbaghat barra minn Malta. Fil-frattemp, is-socjeta' ntimata kienet ghamlet 'update' pero' il-' mobile phone' spiċċa aghar minn qabel, ghaliex issa r-rikorrenti lanqas setghu jaghmlu telefonati. Ghalhekk, ir-rikorrenti lmentaw ghat-tielet darba, fejn is-socjeta' ntimata offriet li tbiddel il-'mobile phone' in kwistjoni b'wiehed ġdid pero' ta' mudell differenti, flimkien ma' sena garanzija. Ir-rikorrenti

ma jhossux illi huwa gust li jitilfu sitt xhur mill-garanzija, u dan apparti mill-fatt illi l-mudell offrut lilhom ma joghgobhomx, u ghalhekk qed jitolbu rifużjoni tal-flus.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-hin tas-seduta s-socjeta' ntimata kienet ghadha ma baghtietx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, huma regghu kkonfermaw il-verzjoni taghhom bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebew zewg (2) dokumenti, li gew immarkati bhala Dok.CV1 u Dok.CV2.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parte tas-socjeta' ntimata lejn ir-rikorrenti, billi ma pprezentat l-ebda risposta ghat-talba in kwistjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenjat ruhha tidher ghall-udjenza appuntata. It-Tribunal, jikkummenta illi ma jistax ikun li kwalunkwe xorta mixtrija tittiehed ghat-tiswija ghal darba, darbtejn, tlieta, u xorta tibqa' bil-problemi, u dana apparti l-inkonvenjenza li tikkawza lill-konsumatur. Illi ghalhekk, u wara li ra l-provi li ngabu quddiemu, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna lis-socjeta' ntimata tiehu lura l-'mobile phone' difettuz in kwistjoni, u thallas l-ammont ta' mija disgha u tletin Ewro (€139.00) lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**